MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2008

Talba Numru. 466/2007

**Talba Nru: 466/07PBC**

**Vodafone Malta Limited (C-10865)**

**Vs**

**Khaled Awad I.D. 26463 (A)**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' elf disa' mija u hamsa u hamsin Euro u sitta u tmenin centezmu (€1,955.86) - (Lm839.65c) liema ammont huwa dovut lilha in konnessjoni ma` *mobile phone* bin-numru 99222598.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.
Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' elf, disa` mija u hamsa u hamsin Euro u sitta u tmenin centezmu (€1,955.86) - (Lm839.65c), bl-imghax kif mitlub.  L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------